MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 36

IL-ĦAMIS 13 TA' OTTUBRU 2011 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 34, inkluż l-aġġornament, ittieħdu bħala moqrija. Il-minuti tal-Laqgħa 35 li kienet Ad Hoc ukoll ittieħdu bħala moqrija.

ii Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-Laqgħa 34 jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

Iii Is-Sindku pproponiet li l-Minuti tal-Laqgħa 35 jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati nem con.

iv Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Is-Sindku rreferiet għall-proġett ta' manutenzjoni tal-flats tal-Gvern. Hija nfurmat li s-sejħa għall-offerti għalqet u ġew mitfugħa 7 offerti li l-Perit qed jagħmel l-aġġudikazzjoni u se jagħti rapport lill-Kunsill bir-rakkomandazzjonijiet.

ii Dwar il-biljetti ta' l-ajru li nxtraw mingħand il-Lufthansa l-Kunsill ġie nfurmat li l-uffiċċju ta' Malta talab li l-ilment jiġi riferut lill-Mother Company u diġa' ittieħdet azzjoni f'dan ir-rigward.

iii Is-Sindku rreferiet għall-invoices ta' diversi kuntratturi li ma kienux ġew iċċertifikati mill-ex Contract Manager A. Portelli. Hija nfurmat li meta dan intalab jiċċertifika x-xogħlijiet ma sab l-ebda oġġezzjoni u ċċertifikhom. Is-Sindku qalet li dawn me ġewx iċċertifikati qabel għax, hekk kif irrappurtat is-Segretarju Eżekuttiv f'seduta preċedenti, dawn ma kienux ġew mgħoddija lilu mill-iskrivana A. Micallef. Hija nfurmat li dwar dan l-aġir l-imsemmija skrivana kienet ingħatat warning.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli…)

v *Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Contract Manager bagħat l-invoice għal ġranet li ħadem f'Settembru 2011. Hija qalet li huwa talab ħlas għal ġimgħa inqas milli suppost ħadem. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li wara l-ġurnata ndikata minnu huwa ma għamilx aktar rapporti. Is-Segretarju Eżekuttiv rrappurtat li hija kellmet lill-Avukat dwar dan u l-parir kien li mal-pagament issir ittra li tindika li dan huwa full and final settlement. Il-*Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li nimxu mal-parir ta' l-Avukat.

v.i Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li l-invoices għas-servizzi li kien jiċċertifika l-contract manager ġew iċċertifikat sas-17 ta' Settembru 2011. Hija nfurmat ukoll li hemm pagamenti pendenti ta' diversi xhur dovuti lill-Kuntrattur Twish kif ukoll pagamenti oħra għal diversi servizzi li kollha għandom bżonn ċertifikazzjoni qabel ma jitħallsu.

v.ii Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti tat-Twish, li ilhom pendenti minn April li għadda, jiġu mħallsa mmedjatament. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda dan. Is-Sindku pproponiet ukoll li jiġi mħallas l-ammont ta' Euro793,61 dovut lill-Koptasan. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Il-Kunsill approva ż-żewġ pagamenti.

v.iii Is-Sindku pproponiet ukoll li l-invoices jibdew jiġu ċċertifikati mill-Kunsillieri/Chairpersons li huma responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet sakemm tiġi appuntata persuna oħra biex tagħmel dan. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li minkejja dan għandna xorta ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u nitolbu l-parir tiegħu.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli…)

vi Il-Kunillier E. Muscat rrefera għax-xogħlijiet infrastrutturali li t-Transport Malta se tagħmel fi Triq il-Prinċipessa Margerita. Huwa qal li dawn ix-xogħlijiet se jinvolvu bdil tal-main tal-ilma u re-surfacing tat-triq. Huwa qal ukoll li l-bankini mhumiex se jsiru. Is-Sindku qalet li dawn il-bankini se jiġu rranġati bħala parti mill-proġett tal-Awtorita' tad-Djar peress li jrid jiġl nstallat id-dawl dekorattiv li se jitħaddem permezz tal-photovoltaic panels. Hija nfurmat ukoll li kien hemm xi problemi biex saru l-formoli għall-instalazzjoni ta' l-arloġġ tal-PV's lill-Enemalta iżda issa dawn intbgħatu.

vii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti staqsa dwar il-pelican lights fi Triq Abate Rigord kif ukoll dwar l-arblu li qed iżomm il-wires tad-dawl temporanju li hemm f'nofs il-bankina fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kemm hi kif ukoll il-Kunsillier E. Muscat regularment jagħmlu kuntatti mat-Transport Malta biex ix-xogħlijiet fuq il-pelical lights jiġu ffinalizzati. Dwar l-arblu hija qalet li l-Enemalta se jagħmlu spezzjoni fil-jiem li ġejjien.

viii Dwar il-**Website** is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill fejn ġie diskuss il-Kuntratt propost mill-Abakus Solutions. Hija rrappurtat li kuntratt huwa tajjeb pero' jindika li dan se jkopri kiri biss tas-sit elettroniku. Ġie deċiż li nistaqsu lill-Abakus hux possibbli li l-Kunsill iżomm l-istess sit u jkollu aċċess għal password jekk il-kuntratt jiġi tterminat.

.

ix Is-Sindku rreferiet għall-proġett tar-roundabout u qalet li l-Perit reġa' issottometta applikazzjoni ġdida biex l-ammont mill-UIF tal-MEPA ikun jirrifletti s-somma minfuqa fil-proġett. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li qabel twaħħal it-tmun suppost saret applikazzjoni l-MEPA peress li dan huwa meqjus bħala monument. Is-Sindku qalet li l-Perit se jagħmel applikazzjoni f'dan ir-rigward (DNO).

x Dwar l-applikazzjoni tar-RMYC is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mas-Sur G. Bonello Dupuis u dan ikkonferma li l-ipparkjar li hemm indikat fil-pjanta se jkun miftuħ għal kulħadd u li mhux se jsir l-ebda tip ta' negozju mill-containers.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku infurmat li fil-ġranet li għaddew persuna jew persuni sgassaw it-twieqi ta' l-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv pero' dawn ma rnexxilhomx jidħlu ġewwa. Hija qalet li dawn l-aħħar ġimgħat ġiet ikkuntattjata diversi drabi tard filgħaxija mill-customer unit tat-telecare system peress li tkun ġiet attivata l-alarm. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sar rapport l-għassa dwar dan. Hija qalet ukoll li kkuntattjat lill-Alberta għal-kwotazzjoni ta' intruder alarm peress li diġa' ġiet installata l-hub meta saret l-installazjoni tal-fire system u għalhekk diġa' hemm parti mill-ispiża lesta. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie approvat li tiġi nstallata din is-sistema peress li l-alarm mal-ewwel taqbad mal-għassa tal-pulizija f'każ li jkun hemm xi attentat.

ii Is-Sindku nfurmat li r-Reġjun Ċentrali beda' jassumi r-responsabbilta' għas-sistema ta' l-infurzar lokali mill-1 ta' Settembru li għadda. Hija rrappurtat li d-dħul miċ-ċitazzjonijiet li saru qabel din id-data se jgħaddu lill-Kumitat Konġunt li għalissa xorta se jibqa' jopera u dawn se jiġu mqassma lill-Kunsilli relevanti bħal qabel. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-Kunsill se jingħata 10% miċ-ċitazzjonijiet li jitħallsu fil-Kunsill. Hija rreferiet għad-Rapport ta' l-Awditur (draft), li ġie ċċirkulat minn qabel, u qalet li din is-sena spiċċat b'surplus. Hija qalet ukoll li hemm disprekanza ta' madwar Euro91,000 bejn il-KK u d-Datatrak. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u s-Sindku talbet li jekk hemm xi kummenti mill-Kunsillieri dawn jiġu emailed lilha biex tressaqhom fil-laqgħa.

iii Is-Sindku ppreżentat l-quarterely accounts u pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

Antoinette Vassallo Marisa Pisani
Sindku Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli…)

Iv Is-Sindku rreferiet għal claim li sar ma l-Insurance dwar il-ħsara li saret fil-ħitan u l-bibien. Hija qalet li dawn irrispondew li l-policy ma tkoprix dan il-claim. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tagħmel laqgħa magħhom u titlob li peress li l-Kunsill ftit li xejn għamel claims dawn jagħtu pagament ex gratiae. Il-Kunsill qabel ma dan.

v Is-Sindku pproponiet li l-iskrivana Clarissa Schembri tibda' taħdem iktar ħin minn dan ix-xahar. Il-Kunsill approva li din taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-8.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2011 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv